DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

ta' l-24 ta' April 2007

dwar l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005

(2008/522/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-data 27 ta' Frar 2007 (5711/2007 – C6-0080/2007),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 68 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([5]), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0099/2007),

1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini huma preżentati kif ġej:

Kont ta' dħul u nfiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2005

(f'eluf ta' Euro – EUR 1000)

	2005	2004
Dħul		
Spejjeż marbuta ma' awtorizzazzjonijiet ta' marketing	72 613	68 412
Sussidju tal-Kummissjoni inkluż il-kontribuzzjonijiet irċevutu mill-EE	22 847	20 529
Sussidju Komunitarju għal mediċini orfni	6 110	4 026

([1]) ĠU C 266, 31.10.2006, p. 4.
([2]) ĠU C 312, 19.12.2006, p. 12.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.Ir-Regolament emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).
([4]) ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.Ir-Regolament emendat bir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 1).
([5]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

(f'eluf ta' Euro – EUR 1000)

	2005	2004
Kontribuzzjonijiet għal programmi Komunitarji	0	0
Dħul amministrattiv	3 423	1 973
Dħul varju	1 643	1 473
Total (a)	**106 636**	**96 413**
Nefqa		
Nefqa ta' l-istaff	40 057	34 333
Nefqa amministrattiva	17 022	11 224
Nefqa tat-tħaddim	41 999	38 573
Deprezzament	5 333	3 650
Spejjeż oħra	104	280
Total (b)	**104 515**	**88 060**
Riżultat operattiv (c = a - b)	**2 121**	**8 353**
Riżultat finanzjarju (e)	2 257	1 160
Riżultat Ekonomiku (f = c + e)	**4 378**	**9 513**

Sors: Informazzjoni ta' l-Aġenzija – Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-dejta provduta mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha.

2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-direttur ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u biex jiżgura/tiżgura li tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President — *Is-Segretarju Ġenerali*

Hans-Gert PÖTTERING — Harald RØMER